## Qorti tal-Maġistrati (Malta)

RIK NRU 330/2017: **JOSEPH CARUANA CURRAN (ID. 31758M)** F'ISMU PROPRJU U BĦALA PRESIDENT FLIMKIEN MA' RITA AZZOPARDI (ID. 377267M) BĦALA SEGRETARJU ĠENERALI TAL-**AQUATIC SPORTS ASSOCIATION (ASA)** V. **JOSEPH MELI (ID. 194857M)**

(LIBELL - DANNI GHAL MALAFAMA - KAP. 248 ART. 28 –FAIR COMMENT – META L-PERSUNA MALAFAMATA TKUN KORP ĠURIDIKU – JEKK MISTOQSIJIET JISTGHUX JITQIESU MALAFAMANTI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Frar 2022**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Joseph Caruana Curran proprio ("ir-rikorrent") u flimkien ma' Rita Azzopardi entrambi bħala President u Segretarju Ġenerali rispettivament in rappreżentanza tal-Aquatic Sports Association ("l-assoċjazzjoni rikorrenti", lkoll flimkien magħrufa hawn taħt bħala "ir-rikorrenti") ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2017 li permezz tiegħu talbu:

> *" 1) Prevja li din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi u tiddikjara li l-kummenti li huwa għadda fuq Facebook nhar it-22 u 23 ta' Ottubru 2017 magħmula in segwitu u/jew relatati mal-finali tal-FINA World Men's Water Polo Development Trophy Ii ntlagħbet il-Ħadd 22 ta' Ottubru 2017 ġewwa l-pixxina nazzjonali f' Tal-Qroqq kienu jikkontjeni allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet inveritjieri, foloz u malafamanti fil-konfront tal-attur u/jew tal-Aquatic Sports Association ta' Malta (ASA) Ii għandhom bħala skop Ii joffendu l-unur, ir-reputazzjoni u l-fama tal-atturi jew min minnhom, u li jesponuhom jew min minnhom għar-redikolu u disprezz tal-pubbliku u/jew iħammġu r-*

*reputazzjoni taghhom jew min minnhom, senjatament fejn intqal: << The President .... omissis .... did NOTHING to remedy the Situation>>; <<'The present Council or at least the President cannot deliver ... period!!!>>, << Did the ASA of Malta betray her Athletes ... >> u << Was the match sold by the ASA of Malta ???>>,  kif ukoll numru ta' siltiet oħra Ii ġew imxandra fuq l-imsemmija posts;*

*2) Tikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lill-atturi jew min minnhom dik is-somma Ii tiffissa l-istess Onorabbli Qorti, liema somma ma teċċedix l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro (€11,646.00) bħala danni b'applikazzjoni tal-Att dwar l-Istampa, Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l- intimat li minn issa huwa inġunt in subizzjoni.”*

wara li rat ir-risposta ta’ Joseph Caruana Curran (“l-intimat”) ippreżentata fl-20 ta’ April 2018[1] li permezz tagħha rrisponda kif ġej:

*“I. Illi fl-ewwel lok ir-rikorrenti għandhom jindikaw l-artikolu tal-Liġi illi huma qed jibbażaw l-odjema azzjoni ai termini tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*2. Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, salv illi l-azzjoni hija bbażata ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap.248 jiġi eċċepit illi l-Aquatic Sports Association ma għandha l-ebda locus standi u dan stante illi l-imsemmi artikolu japplika biss għal persuni fiżiċi u mhux entitajiet legali*

*3. Illi fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost ma hemm xejn inġurjuż jew malafamanti f'dak li inkiteb mill-intimat stante illi dan jammonta għal 'fair comment' dwar fatti ta' interess pubbliku u kritika Ii hija aċċettata f'soċjetà demokratika.*

*4. Illi t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri*

*Bl-ispejjez u r-rikorrenti minn issa ingunti in subizzjoni”*

[1] Fol 44

wara li rat li l-Qorti diversament preseduta semgħet ix-xhieda tar-rikorrent Joseph Caruana Curran fis-seduti tas-17 ta' Mejju 2019[2] u 11 ta' Ġunju 2018[3], ta' Rita Azzopardi fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2019[4] u tal-intimat fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2018[5],

wara li rat l-affidavit tal-intimat ippreżentat fit-28 ta' Frar 2019[6],

wara li rat li l-Qorti semgħet ix-xhieda tar-rikorrent mogħtija in kontroeżami u rieżami fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2021[7],

wara li rat in-"Noti u Rimarki" ppreżentati mill-intimat fl-10 ta' Ġunju 2021[8],

wara li qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tax-xhieda kollha li ngħatat fil-kawża,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li rat fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2021 il-kawża tħalliet għas-sentenza,

qed tagħti din is-

## Sentenza

### Liġi applikabbli

1. Qabel xejn għall-finijiet ta' preċiżjoni għandu jingħad illi fl-14 ta' Mejju 2018, cioe' ftit iżjed minn sitt xhur wara l-ftuħ ta' din il-kawża, daħal fis-seħħ permezz tal-Att XI tal-2018 il-Kap. 579 intitolat 'l-Att dwar il-Midja u l-Malafama'. Għalkemm b'effett mill-14 ta' Mejju 2018 ġie mħassar ukoll il-Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta madanakollu ai termini tal-Artikolu 25(2) tal-Kap. 579:

   '*l-Att imħassar, kif fis-seħħ qabel ma jiġi mħassar permezz ta' dan l-Att, għandu jkompli japplika fir-rigward ta' kawżi pendenti fil-qorti fiż-żmien li jitħassar*'

2. Għaldaqstant huwa ċar illi huma d-dispożizzjonijiet tal-Kap. 248 (L-Att dwar l-Istampa) li japplikaw għall-kawża odjerna.

### Il-mertu tal-każ

---

[2] Fol 49-67
[3] Fol 69-75
[4]Fol. 76-82
[5] Fol 98-133
[6] Fol 138-141
[7]Fol. 170-180
[8] Fol 182-215

3. Din il-kawża tittratta sensiela ta' kummenti magħmula mill-intimat fuq is-sit elettroniku www.facebook.com fuq perjodu ta' jumejn fl-isfond ta' partita li t-tim nazzjonali Malti tal-*waterpolo* kien lagħab ġewwa Malta kontra l-Iran fit-22 ta' Ottubru 2017. Din il-logħba kienet il-finali tat-*tournament* tal-FINA World Men's Water Polo Development Trophy 2017 li kien qed jiġi organizzat ġewwa pajjiżna. Dan huwa *tournament* internazzjonali organizzat kull sentejn, illum magħruf bħala il-FINA Water Polo Challengers' Cup. Fil-logħba in kwistjoni t-tim Malti kien biss ftit sekondi 'l bogħod milli jiġi nkurunat bħala t-tim rebbieħ tal-kompetizzjoni meta ftit wara li ġie skurjat l-gowl li ta' vantaġġ ta' żewġ goals lill-Maltin (bl-iskor jaqra 8-6) ingħata *penalty* lit-tim Malti u immedjatament dan wassal għal diżgwid bejn xi players li ġew sussegwentement imkeċċija. Ġara li l-ġlied kompla barra mill-pixxina u spiċċa bl-involviment ta' players oħra li ħarġu mill-ilma biex jingħaqdu ma' sħabhom. Ir-*referee* saffar it-tmiem ħesrem tal-logħba u ftit siegħat wara l-kumitat tal-Kummissjoni Teknika tal-Waterpolo tal-FINA uffiċjalment skwalifika lit-tim Malti u lit-tim Iranjan u ħabbar li l-kompetizzjoni kienet intrebħet mit-tim li kien oriġinalment spiċċa fit-tielet post.

4. L-intimat huwa dilettant kbir tal-*waterpolo* u huwa ukoll ġurnalist akkreditat mill-Malta Sports Writers Association u fotografu sportiv li jkun preżenti waqt il-logħob u jiġbed numru kbir ta' ritratti li jippubblika fuq il-paġna tiegħu ta' *Facebook* (taħt l-isem Jo Aquatic) fuq bażi volontarja. Huwa kien ukoll preżenti għall-logħba in kwistjoni u filfatt kien ġie akkreditat mill-assoċjazzjoni rikorrenti għall-kompetizzjoni li saret fil-pixxina nazzjonali Tal-Qroqq bejn is-17 u t-22 ta' Ottubru 2017.

5. Dakinhar stess tal-logħba u fil-ġurnata ta' wara l-intimat ippubblika numru ta' kummenti fuq il-paġna tiegħu ta' *Facebook* illi r-rikorrenti (kemm Joseph Caruana Curran personalment u kif ukoll l-Aquatic Sports Association) jħossu li kienu malafamanti fil-konfront tagħhom fosthom il-kliem:

   *"The President ... did NOTHING to remedy the Situation"*, *"the present Council or at least the President cannot deliver ... period!!!"*, *"Did the ASA of Malta betray her Athletes ..."* u *"Was the match sold by the ASA of Malta ???"*

**Provi**

6. Ir-rikorrent **Joseph Caruana Curran,** President tal-assoċjazzjoni rikorrenti, xehed fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2019[9]. Dan iddeskriva x'seħħ ftit sekondi qabel ma' ntemmet il-logħba bejn Malta u l-Iran:

*"L-episodju kien li decizjoni ta' referee, it-team Malti kien minn fuq dak il-hin, inghata penalty ukoll favur Malta, konna nigu tlett goals minn fuq kieku. Kien fadal anqas minn zewg minuti igifieri konna nirbhu dan it-tournament zgur, il-players tal-Iran hebbew ghal xi players Maltin fl-ilma u mbaghad kompliet eskalat fuq id-deck tal-pixxina. U hemmhekk ir-referees u d-delegati tal-partita li kienu kollha barranin iddecidew li jabbandunaw il-loghba... Minhabba dak l-abbandun, il-Kummissjoni li kienet appuntata ghal dan it-tournament li kienu tliet membri, wiehed mill-Khazakistan, wiehed minn Curassow u wiehed mill-Ungerija iddecidew illi z-zewg timijiet jigu scratchjati mill-competition u fil-fatt ir-rebha tal-kompetizzjoni marret ghall-pajjiz li kien gie fit-tielet post li kien l-Urugwaj."*

7. Fuq id-deċiżjoni li ttieħdet li jiġu skwalifikati t-timijiet li kienu qed jilgħabu fil-final ir-rikorrent qal illi l-assoċjazzjoni rikorrenti ma' kellha xejn x'taqsam ma' din id-deċizjoni:

*"Ghas-semplici raguni li dak il-hin ma jkunx hemm smiegh dwar il-kaz. Il-kaz jiddecidieh kollu d-delegat flimkien mal… id-delegat imbaghad imur ghand il-Kummissjoni, li jkunu tlieta minn nies li huma d-delegati principali tal-competition. Id-decizjoni tittiehed minnhom. Ahna lanqas gejna mitluba biex nixhdu jew naghtu l-opinjoni taghna dwar x'gara jew ma garax. Ahna gejna infurmati, baghtu sia ghalina u sia ghall-Iran u nfurmawna li d-decizjoni kienet ittiehdet u z-zewg pajjizi kienu gew sospiżi mill-kompetizzjoni u allura ma kien hemm l-ebda cans li wiehed minnha jirbah din il-final."*

8. Ir-rikorrent kompla jgħid illi huwa normali li deċiżjoni bħal din tittieħed fi ftit ħin u dan partikolarment f'final ta' kompetizzjoni fejn: *"ikun hemm pajjizi li xi saghtejn, tlieta wara se jitilqu mill-pajjiz. Allura there is no chance for a hearing."*

---

[9] Fol 49-67

9. Għar-rikorrent id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kummissjoni tal-FINA kienet waħda bbażata fuq ir-regolamenti uffiċjali.

10. Imbagħad ir-rikorrent elenka dawk il-kummenti tal-intimat li huwa ħass li kienu malafamanti:

*"jien ghalija per ezempju, "ASA of Malta has let down the Nation and Maltese Waterpolo Community", ghalija dawn huma affarijiet inaccettabbli. Jiena nixtieq infakkar ukoll illi ahna x-xoghol kollu li naghmlu naghmluh b'mod volontarju, u jien nghaddi ghaxar, tnax il-siegha kuljum l-ASA biex imbaghad nigi akkuzat illi I have let the nation down, b'xi mod jew iehor, lili tweggaghni. Ghax nahseb naghmel hafna izjed xoghol"*

*"I demand resignation en block of the executive council". Bniedem illi lanqas huwa irregistrat mal-Assocjazzjoni li ma jistax jitlob rizenja en block, dan jista' jigri biss minn naha ta' clubs jew membri ta' clubs li huma appuntati. Dawn ghalija inaccettabbli. "... for failing the nation". It-tieni pagna, nergghu, "Malta will learn what its hers by the will of the Maltese Athletes." Imbaghad taht hemm, "the president of the ASA of Malta needs, and I am demanding so to resign en block so that a new council is elected as soon as possible to settle this issue outright and gets what is owed to Malta in full." "Maltese waterpolo and her athletes were defrauded." It-tielet pagna, jerga' "The whole council has to resign en block and ..." issa jiena ma nafx hawn kumment ma nafx nistax nghidu, hawnhekk, "and the ASA of Malta bla bajd,"*

11. Ir-rikorrent insista illi:

*"dawn huma kummenti dwar decizjonijiet li ahna lanqas ma kellna l-possibilta' li nikkummentaw fil-process li sar dak il-hin, ma jkun hemm l-ebda cans. Mhux ghax l-ASA ghazlet li ma taghmel xejn..."*

12. Rigward il-kumment li kopja tiegħu huwa esebit a fol 11 tal-proċess li jaqra kif gej: *"DID the ASA of Malta BETRAY her athletes and the Water Polo Community of Malta by acting SHEEPISHLY in accepting the FINA Delegates Decision to Suspend Malta AND Iran WITHOUT invoking the RIGHT of FAIR HEARING? WHY did the ASA of Malta did NOT ask for EVIDENCE of what happened at the POOL-SIDE and at the POOL to be*

*EVALUATED bu the FINA Delegates, which such EVIDENCE was there to be gathered?"* ir-rikorrent spjega illi:

*"Ghax mhuwiex ikkontemplat illi nistghu naghmlu, niehdu passi bhalma qed jinghad. Dawk huma passi li jittiehdu normalment minghalija l-Qorti u hekk. Meta jkollok kaz ta' loghba waterpolo fejn hemm decizjonijiet li jittiehdu. Ahna qed nghidlek, lanqas ikollna l-opportunita' li naghtu l-veduti taghna. Dan ghalhekk jissejjah delegat dan il-persuna. Il-persuna delegate huwa xi hadd appuntat mill-FINA biex jiehu d-decizjonijiet kollha necessarji. L-unika haga li jkun hemm illi ikun hemm Kummissjoni li tkun maghmula mic-Chairman, vici chairman u s-segretarju tat-technical waterpolo committee li d-decizjonijiet ahharin johduhom huma t-tlieta flimkien."*

13. Ir-rikorrent kompla jagħti l-veduti tiegħu dwar il-kummenti li kiteb l-intimat:

*"ASA did nothing to remedy the situation. It's all a question of remedy." Hawnhekk, "he must go. Kieku kien hemm bhala president tal-ASA l-Imhallef Farrugia Sacco Malta kienet tiehu dak li hu bid-dritt taghha." Jien minhix avukat, minhix imhallef, minhix magistrate u allura ma stajt naghmel xejn. L-aghar wahda kienet, qed nipprova nsibha, fejn qal, "was the match sold…" on page 11, zghira isfel, "was the match sold by the ASA of Malta". Ghalhekk qed jigi implikat illi b'mod jew iehor jien bighejt lill-pajjizi jew il-loghba. Ghax dawn huma affarijiet serji. Jien ma nistax naccettahom dawn l-affarijiet. Mela nafu x'qed jigri fil-pajiz kollu dwar korruzzjoni fl-isport,u li jien nigi implikat b'dan il-mod ma joghgobni assolutament xejn."*

14. Imbagħad ikkjarifika li meta kien qed jirreferi għalih innifsu huwa kien qiegħed jagħmel hekk  kemm għalih personalment u kemm bħala president tal-assoċjazzjoni rikorrenti: *"Ghax fl-ahhar mill-ahhar Joe Caruana Curran president tal-ASA jew Joe Caruana Curran bniedem fit-triq huwa l-istess persuna".*

15. In kontroeżami r-rikorrent reġa insista illi: *"Ma tistax tipprotesta fuq decizjoni bhal dik. Mhuwiex kontemplat fir-regolamenti illi inti tista' tipprotesta dwar decizjoni li tittiehed mill-Kumissjoni".* Huwa kkonferma illi wara l-partita huwa għadda l-kummenti tiegħu personalment lill-President tal-FINA però sostna illi ma' kienx hemm ċans ta' rimedju.

16. B'mod interessanti imbagħad ir-rikorrent ikkjarifika x'ried jgħid biha meta qal illi ma' kienx hemm ċans ta' rimedju:

*"Ahna ddecidejna li ma nihdux passi ghal ragunijiet partikolari li kellhom x'jaqsmu wkoll mat-tkeccija tal-coach nazzjonali. Illi hu gie sospiz… kien se jigi sospiz mill-kariga tieghu, ahna kellna loghbiet importanti hafna u ddecidejna li ma mmorrux oltre ghax ma kienx hemm cans li ssib rimedju u biex tantagonizza xi hadd bhal FINA biex imbaghad jiehdu decizjonijiet kontra dana ma kenitx ideali. Fil-fatt kien hemm talba, u ġejna infurmati ukoll li kien se jigi sospiz ghal sitt xhur is-Sur Rizzo, u peress li ahna ghamilna dikjarazzjoni bhal din, ma giex sospiz u fil-fatt kien qed jikkowcja tul dawn ix-xhur kollha."*

17. Ftit iżjed tard però in kontroeżami ingħad is-segwenti:

*"Dr Mark Refalo: Allura igifieri biex nifhem jiena, intom ghaziltu li ma tippruvawx toggezzjonaw jew tipprotestaw ghad-decizjoni li skwalifikaw lil Malta biex ma jigix skwalifikat il-coach?*

*Ix-Xhud: No. No. No. No. Malta giet skwalifikata. Ma hemmx rimedju ghaliha. Ahna fil-pubbliku jidhrilna li dak li ghandna nghidu ghandu jkun mod partikolarment attent ghal dak kollu li jista' jinghad. Mela ma kellniex rimedju u ghazilna li ma noholqux… stajna naghmlu forsi mmorru l-CAS fuq xi haga bhal din... Court of Arbitration for Sport. Illi just biex tidhol mill-bieb trid thallas xi hamsin elf euro. Qed tifhem? Igifieri dak it-tip ta' rimedju li hemm. Ahna m'ahniex f'pozizzjoni li naghmlu dawn l-affarijiet u ma dehrilniex li kellna niehdu dawn il-passi. Apparti kollox, id-decizjoni tal-CAS probabbilment tittiehed wara xi sentejn jew tlieta, igifieri…"*

18. Ir-rikorrent ikkonferma ukoll kopja ta' *press release*, esebita in atti mill-intimat[10], li kienet inħarġet mill-assoċjazzjoni rikorrenti fit-23 ta' Ottubru 2017 fejn fiha kien intqal *inter alia* illi:

*"After considering all the circumstances, including the competition rules, and the future plans for the national team, it was decided not to contest the disqualification. The ASA will of course be reserving the right to take any other action if and when the*

---

[10] Fol 67

*need arises, in the same way it is reserving its right to take the necessary action against those who have passed such false and unfair accusations"*

19. Ir-rikorrent **Joseph Caruana Curran** reġa' xehed in eżami fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2018[11],. Huwa ppreżenta *animo ritirandi* l-*FINA Water Polo Rules 2017* (estratt tagħhom imbagħad ġie ippreżentat aktar tard[12]) u spjega s-segwenti:

*"Jekk naraw dawn ir-regolamenti, hawnhekk hawn... id-darba l-ohra ġejt mistoqsi jekk ahna kellniex poter illi nappellaw id-decizjoni. Mela, mhux biss ma kellniex cans nappellaw id-decizjoni, lanqas stajna nkunu prezenti ghas-smiegh kif ghidt dakinhar, u fil-fatt hawnhekk jghid car illi decizjoni tittiehed by the Management Committee... Mela, procedures and imposing sanctions, article 7.4 jghidlek "sanction involving disqualification and suspension of a team" li huwa l-kaz taghna, dakinhar meta gejna infurmati li gejna sospizi u skwalifikati, "for one or more matches in the same tournament, shall be imposed by the Management committee within 24 hours after the end of the match. Immediate notification to the team officials the federation the board of the organising committee." Fil-fatt dak hu li gara. Saret il-management committee, giet mehuda d-decizjoni li hawnhekk jghidulek illi ghandek tigi infurmat fi zmien 24 siegha, biex inti tkun tista' tiehu xi rimedju ghal loghbiet sussegwenti f'tournament. Hawnhekk, peress li din il-loghba partikolari kienet il-final ma kienx hemm... Ma kienx hemm loghob sussegwenti, allura there was no way to change or we can appeal that decision"*

20. Dwar il-possibilita' ta' appell skond ir-regolamenti huwa sostna illi din kienet biss miftuħa fir-rigward ta' sospensjoni ta' xi uffiċjal jew player tat-tim u dejjem minn dak l-individwu u mhux mill-assoċjazzjoni:

*"Jistghu isiru fuq sospenzjonijiet li jistghu jehlu ufficcjali jew players tat-team meta tigi notifikat mill-FINA dwar is-sospensjoni eventwali taghhom, u ghandek 21 gurnata, in Appeals 10.1 illi jghidlek, "an individual sanctioned by the management committee may appeal to the organising body within 21 days from the date of the receipt of the decision including a sanction of the appealing party and further according to the rules of the bodies concerned."*

[11] Fol 69-75
[12] Fol 84-92

21. Fir-rigward ta' dak li kien qal preċedentement dwar parti mir-raġuni 'l għala l-assoċjazzjoni ma' kienetx talbet rimedju wara d-deċiżjoni tal-iskwalifika, huwa kompla jelabora kif ġej:

*"kieku kien per ezempju l-coach nazzjonali li semmejna dakinhar, ahna bqajna nistennew biex naraw jekk kienx ha jkun hemm sospenzjoni eventwali tieghu u konna nafu li ghandna 21 gurnata biex nappellaw sospenzjoni eventwali tieghu.. u dik hija l-aktar haga krucjali li ahna kellna f'mohhna, is-sospenzjoni tal-coach, ghax nafu li fix-xhur ta' wara, is-sospenzjoni kienet tkun... li giet imsemmija kienet ta' sitt xhur, kienet taffettwa l-partecipazzjoni taghna fil-kwalifici tal-kampjonati ewropej li fil-fatt saru fi Frar ta' din is sena."*

22. Fl-istess seduta tal-11 ta' Ġunju 2018 xehdet **Rita Azzopardi**, Segretarju Ġenerali tal-Assoċjazzjoni rikorrenti. Hija spjegat eżattament x'kien ġara mill-mument li l-logħba ġiet abbandunata:

*"Kwazi fl-ahhar tal-loghba kien hemm battibekk fuq in-naha faccata tal-pixxina igifieri opposite the official stables fejn konna ahna... In-naha l-ohra hdejn ic-changing rooms biex niftehmu. U waqfet il-loghba at that point, just to calm down the situation. Jien u l-president morna faċċata biex nippruvaw nikkalmaw l-affarijiet, gew anke d-delegati tal-FINA u referees wara xi ftit hin iddecidew li jwaqqfu l-loghba... It-timijiet kienu xi whud minnhom ir-reserves telghu biex jghinu jew iwaqqfu l-glied u kien hemm min baqa' fl-ilma. Imbaghad id-delegat qal lir-referee u qallu waqqaf kollox. U waqqaf il-loghba."*

23. Fuq meta ġew infurmati bid-deċiżjoni tal-iskwalifika x-xhud qalet hekk:

*"Peress li kienet il-final kien hemm id-delegati kollha tal-FINA igifieri wara xi siegha jekk mhux iktar, wara li ddiskutu l-kaz qalulna li l-loghba giet sospiża u z-zewg timijiet gew sospizi... A voce. Qalulna ... igifieri ghajtulna bhala l-organisers u ovvjament ghajtulna bhala l-ufficjali tat-team ta' Malta, ghajjtu wkoll l-ufficjali tal-Iran u qalulhom l-istess haga li z-zewg timijiet gew sospizi ghal dik il-loghba and disqualified biex niftehmu... Fuq il-match card kien hemm miktub li kien hemm rapport iehor li qed isir u ahna meta tlabnih dan ir-rapport il-FINA qalulna li daka m'ghandkomx x'taqsmu intom, dak imur il-Legal Department tal-FINA. Igifieri ahna dan ir-rapport ma rajnihx u rcevejna mbaghad in-notifika minghand FINA as Malta as ASA ..."*

24. Ix-xhud esebiet in-notifika li l-assoċjazzjoni kienet rċeviet mill-FINA dakinhar tal-logħba[13] fejn fiha hemm imniżżel *inter alia* s-segwenti:

*"During the above mentioned match both teams demonstrated violent and unsportsmanlike behavior mentioned in WP 21.12 and WP 21.13 in and outside the water and were out of control of the team officials.*

*Based on the report of the referees and delegates and following the WP Rules Appendix C, Article 3, 4, 5 and 6, the FINA TWPC Management Committee for this event has unanimously decided to disqualify both teams participating in Game number 24 of this Competition and disqualify them from the tournament.*

*About the decision concerning possible further sanctions the respective federations will be informed later according to the FINA rules."*

25. Ix-xhud insistiet illi r-rapport aħħar baqgħu qatt ma' rawh. In kontroeżami qalet ukoll illi:

*"Kif ghidt qabel, qalulna d-delegati li ha jkun hemm rapport iehor u setghu jittiehdu azzjonijiet u sanzjonijiet ohrajn. U bhala ... peress li kien it-team u mhux individwu iddecidejna u ma stajniex skont ir-regoli nopponu ... naghmlu appeal."*

26. Fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2018 xehed l-intimat **Joseph Meli** [14]. Huwa esebixxa bil-ġurament tiegħu dokument kontententi 'l fuq minn tletin paġna bl-isem ta' *"Notes and Remarks"*[15].

27. Fir-rigward tal-kumment tiegħu dwar jekk l-ASA kienetx biegħet il-logħba in kwistjoni huwa qal is-segwenti:

*"Issa, nixtieq naghmilha cara illi meta ghidt li ... kif kienet ... if they sold ... mhux qed nirreferi ghal flus jew ghal xi affarijiet ohra. Li gara, id-domanda tieghi kienet ... emm I know ... naf illi jekk tibda sentenza ta' sitt xhur ... flahhar ta' Frar, bidu ta' Marzu kellna zewg loghbiet importanti mal-Belarus illi*

---

[13] Fol 82
[14] Fol 98-133
[15] Fol 103-133

*setghu gew influwenzati, sewwa? Allura dik id-domanda tieghi kienet. Jekk cedewx il- ... l-appeal ... il-contestation tal- ... x'jghidulha bhalissa ..? ... Tad-decizjoni ehe ... qaghdu kwieti skont il ... skont ic-cirkulati tal ASA li qieghda page 29 fil-file li tajt, sewwa, dik bazikament ... igifieri jien mhux qed nghid hadu flus jew inxtraw fis-sens tal-kelma ... jekk kienx lok ta' match fixing fis-sens outside the scope of tar-rizultat."*

28. Fin-*Notes and Remarks* tiegħu l-intimat jgħid *inter alia* s-segwenti:

*"3. Conscious of the consequences of the repercussions of what was written, I take FULL responsibility for whatever is contested by Mr. Joseph Caruana Curran, henceforth referred to as JCC, President of the said ASA of Malta, for which I will give my Justifications for doing so and WHY I did so.*

*4. The TEXT and CONTENTS is to be taken in the SPIRIT and CONTEXT of the TIME that it was written.*

*...*

*6. The ASA of Malta did NOT ask me to retract or substantiate the words (TEXT) being contested in this Court Case.*

*...*

*9. The People, in this context the Maltese Water Polo Community, have the RIGHT to know the TRUTH behind the UNJUST Disqualification in the Match Malta vs Iran, where Malta was the VICTIM of Iranian aggression, as I can DEMOSTRATE in the pictures I captured."*

29. L-intimat jagħti informazzjoni dwar il-kredenzjali tiegħu bħala ġurnalist sportiv u membru tal-Għaqda Ġurnalisti Sportivi. Fost affarijiet oħra huwa inkluda ittra mibgħuta mis-Segretarju Ġenerali tal-Għaqda Ġurnalisti Sportivi lid-Dipartiment tal-Informazzjoni sabiex l-intimat jingħata *Press Card* mid-Dipartiment. Fl-ittra jingħad illi: "*This is to confirm that Mr. Joseph M. Meli is a Member with Għaqda Ġurnalisti Sports since 2015 and is registered in the Class of "Photo Reporters" within our Organisation. Please note that Mr Meli gives regular Photo Reportages in his Jo*

*Aquatic Facebook Page which is of invaluable and ver looked forward page in the Discipline of Aquatics..."*

30. L-intimat jinkludi ukoll *timeline* preċiża tal-kummenti tiegħu kif dehru fuq il-paġna tiegħu ta' *Facebook* dakinhar tal-logħba.

31. Fuq il-kummenti tiegħu li huma meqjusa bħala malafamanti mir-rikorrenti huwa qal *inter alia* s-segwenti:

*"Comments which I have. said are FAIR and Very Close to the TRUTH, my request for Resignation "En Block" which I deemed as an Honourable MUST for the ASA of Malta to do in such circumstances. Furthermore, such Resignations have to be accepted or not during an Extraordinary General Meeting specially called for such purpose. I was asked by Birzebbugia ASC President ''What would I have done in place of JCC at THAT POINT IN TIME". My immediate reaction was ask for a FAJR HEARING – something which was NOT Granted by the FINA Delegates. I gave Mr. George Farrugia "How- to-goabout- it''.*

32. Dwar in-nuqqas ta' *fair hearing* fir-rigward tad-deċiżjoni li ttieħdet mill-FINA, l-intimat qal hekk:

*"The Laws of Malta GUARANTEE the Pillar of Maltese Justice - the RIGHT of FAIR HEARING. The FINA Regulations regarding this Tournament LACKED such Guarantee, hence, from Maltese law point of view, are NUll and VOID to their Effect where a decision taken without a FAIR HEARING of Parties involved.... Had Mr. Justice Farrugia Sacco been the ASA of Malta President, giving his GREAT Experience in International Sports, both as President of The Malta Olympic Committee and in his Maltese Judiciary, in MV OPINION, Mr. Justice Farrugia Sacco would have INVOKED the Right of Fair Hearing to the FINA Delegates ! My Statement that "'The President and Secretary ASA of Malta did NOTHING to remedy the Situation" is FACTUAL and IRREFUTABLE!"*

33. Dwar dak li ġara waqt il-logħba huwa saħaq illi:

*"The FACT that the Iranian Athletes were to BLAME is undisputed and REAL Refereeing in Water Polo rs conducted in an area reserved for Referees to conduct the Match. The Referee who has declared that the Game was Over was NOT In the designated Area!"*

34. Dwar il-mistoqsija li għamel fuq is-sit tiegħu (mmarkata bħala malafamanti mir-rikorrenti): "*"DID the ASA of Malta BETRAY her athletes and the Water Polo Community of Malta by acting SHEEPISHLY in accepting the FINA Delegates Decision to Suspend Malta AND Iran WITHOUT invoking the RIGHT of FAIR HEARING? WHY did the ASA of Malta did NOT ask for EVIDENCE of what happened at the POOL-SIDE and at the POOL to be EVALUATED bu the FINA Delegates, which such EVIDENCE was there to be gathered?"*, l-intimat qal hekk:

*"Did (a QUESTION) .... is NOT a Statement but a Question, endowed with a Question MARK To the QUESTION above, I am SURE that the ASA of Malta did NOT ask for a legal Advice on this matter, and the RESPONSIBtUTY falls on the PRESIDENT, ASA of Malta as PER ASA of Malta Statute."*

35. Dwar il-mistoqsija li għamel fuq is-sit tiegħu (mmarkata bħala malafamanti mir-rikorrenti): *"Was the Match SOLD by the ASA of Malta ???"* huwa qal hekk:

*"Another QUESTION which is deemed libellous by the ASA of Malta is :
"Was the Match SOLO by the ASA of Malta ???" (Had) the Court Sitting been BEFORE Barcelona 2018, I would have asked you Mr. Magistrate, to say what I have to say on his QUESTION IN CAMERA as this would SERIOUSLY effect Malta's Participation at Barcelona 2018 and I do NOT want to be blamed for this exclusion ! Now that the European Mens' Water Polo Championships are gone and done with , with NO WIN by the Maltese Athletes, one Draw to their Credit which has resulted to a DEFEAT in the Final for the 15th Plate against Turkey on Penalties, I CAN explain the MOTIVATION and the REASON for posing this Question . As I have already alluded, I will go into depth on this Issue of ''Fair Hearing'' later on in the Course of the Court Case."*

36. Jgħid ukoll is-segwenti dwar il-kwistjoni ta' *match-fixing:*

*"I take this opportunity to ask you Magistrate Franco Depasquale to INVESTlGATE if there was "MATCH FIXTING" attempt1 and IN FACT, in terms of FIXTING the OUTCOME of the NEXT International Match, that of the QUALIFYING Match versus Belarus (both Home and Away}. In simpler terms I am asking you Magistrate Depasquale to INVESTIGATE IF the NON CONTESTATION of the Dlsqualiflcation of Malta and Iran was intended for FINA to give Malta a LESSER Punishment, less than what is STIPULATED In the Dlsciplinary Code of the same FINA. Match Fixing does NOT necessary related to the Fixing of a RESULT of a particular Match but ALSO mean*

*the FIXJNG of an OUTCOME of a Particular Match - that of a PUNISHMENT, a LESSER one in the Case of Malta."*

37. Fl-affidavit tiegħu ppreżentat fit-28 ta' Frar 2019[16], l-intimat qal ukoll fost affarijiet oħra dwar il-mistoqsijiet/kummenti li poġġa fuq il-*facebook*:

*"Nghid illi dawn il-mistoqsijiet kienu reazzjoni ghal fatt illi fpartita importanti (finali dinija) Ii ssir kull sentejn u Ii pajjizna qatt qabel ma kien spicca fil-finali I-ASA u d-dirigenti taghha ma ghamlu xejn biex isemmghu lehinhom u jiggieldu bid-dritt id-decizjoni tal-FINA u hallew tiddeciedi minghajr hadd ma lissen kelma meta kien car illi it-tim nazzjonali Malti ma kellhu l-ebda htija u spicca tilef il-medalja tad-deheb minn taht halqu.*

*Nghid illi dawn il-mistoqsijiet kienu qed isiru biss biex iqajmu reazzjoni u jfittxu raġuni fuq il-mod ta kif I-ASA ghazlet Ii ma tiehu l-ebda azzzjoni. Tant jidher Ii dan huwa minnu illi l-ghada fit-23 ta' Ottubru 2017 is-Segretarju Generali tal-ASA ddikjarat;*

*"it was decided not to contest the disqualification. The ASA will of course be reserving the right to take any action if and when the need arises .... "*

38. Fis-seduta tal-25 ta' Jannar 2021 ir-rikorrent **Joseph Caruana Curran** xehed in kontroeżami u in rieżami[17]. Dwar in-nuqqas tal-assoċjazzjoni li tikkontesta d-deċiżjoni li ħadet il-FINA huwa qal hekk:

*"Ha nghidlek, jien persuna serja u tal- affari tieghi. Jekk l-imgieba tal-players tat- tim tieghi ma jkunx tal- ghola livell u ezemplari anke ghal dawk l- atleti zghar li jkunu prezenti fil- pixxina u nara li t- tim Malti jkun haqqu li jiehu piena jiena zgur minix se noggezzjona... Id- decizjoni tal- FINA ma kinitx se tinbidel qatt. Wara l-incidenti li graw ma kien hemm l- ebda cans illi nippruvaw b' xi mod jew iehor indawru d-decizjoni. U jekk ahna rridu, fil- fehma tieghi, nuru li f' certu affarijiet jezistu nies serji f' dan il- pajjiz ghandna naccettaw dawn l- affarijiet bl- iktar mod responsabbli."*

[16] Fol 138-141
[17]Fol. 170-180

39. Dwar il-possibilita' li tiġi appellata d-deċiżjoni għall-ewwel darba r-rikorrent stqarr illi seta' jkun hemm appell u seta jkun hemm anke rikors lill-CAS iżda l-assoċjazzjoni rat illi ż-żewġ possibilitajiet ma' kienux vijabbli:

*"Hemm appell imma l- ewwel haga l- appell zgur li mhux se jinbidel u t- tieni haga mbaghad ghandek tista' tmur il- CAS, Lausanne li ghandek xi mija u hamsin elf (150,000) ewro biex titlob li tinstema' kawza u peress li nahdmu b' mod volontarju ma kontx behsiebni nohroghom."*

**L-ewwel eċċezzjoni: ir-rikorrenti ma' ndikawx l-artikolu tal-liġi invokat minnhom**

40. Mid-diċitura tat-talbiet tar-rikorrenti jidher ċar illi dawn qed jibbażaw it-talba tagħhom fuq l-Artikolu 28 tal-Kap. 248 billi jużaw il-kliem "*għandhom bħala skop Ii joffendu l-unur, ir-reputazzjoni u l-fama tal-atturi jew min minnhom, u li jesponuhom jew min minnhom għar-redikolu u disprezz tal-pubbliku ...*" L-Artikolu 28 filfatt jipprovdi kif ġej:

*"8.(1) Fil-każ ta' malafama, b'xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ,li l-għan tagħha jkun li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' xi persuna ..."*

41. Fil-każ tal-assoċjazzjoni rikorrenti huwa ċar ukoll illi din mhux qed tinvoka l-Artikolu 29 dwar l-inġurja tal-isem u malafama tan-negozju iżda qed tibbaża l-kawża tagħha fuq l-Artikolu 28 u ċioe li l-kliem użat mill-intimat għandhom bhala skop li jtellfu jew jnaqqsu r-reputazzjoni tagħha. Dan l-aħħar punt huwa ukoll il-mertu tat-tieni eċċezzjoni tal-intimat.

42. Din l-eċċezzjoni għalhekk – jekk tista' tissejjaħ hekk – mhijiex ser tiġi milqugħa.

**It-tieni eċċezzjoni: L-eċċezzjoni dwar li korp ġuridiku ma' jistax jkun malafamat**

43. L-intimat eċepixxa ukoll illi fir-rigward tal-azzjoni miftuħa mill-Assoċjazzjoni rikorrenti din "*ma għandha l-ebda locus standi u dan stante illi l-imsemmi artikolu japplika biss għal persuni fiżiċi u mhux entitajiet legali*".

44. Fis-sentenza fl-ismijiet: **<u>Agricultural Co-Operative Limited v. Peter Axisa</u>** (Avv. Nru. 794/2001/1 MM, 22/04/2003) din il-Qorti kienet qalet hekk fuq dan is-suġġett:

*"din il-Qorti kif preseduta diga kellha okkazjoni illi tippronuncja ruhha fuq din il-kwistjoni f'kawza fl-ismijiet Roderick Galdes et vs Victor Camilleri et deciza fil-21 ta'*

*Gunju, 2004 fejn ikkonkludiet illi Kunsill Lokali m'ghandux l-istess protezzjoni bhal persuna privata, peress illi huma biss dawn ta' l-ahhar illi huma protetti.*
*Il-Qorti lesta li testendi dan il-kuncett ukoll ghall-koperattivi u socjetajiet legali. Jibda biex jinghad illi l-Artikolu 2 tal-Kap. 248 – Ligi ta' l-Istampa – tidentifika persuna bhala, "Persuna tinkludi korp ta' persuni sew jew jekk ikollhom personalita' guridika distinta sew jekk le."*

*Fil-kawza fuq imsemmija saret referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Dr J. Brincat et deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru, 1992 fejn fost affarijiet ohra nghad illi, "L-espressjoni tal-prijorita' tal-protezzjoni ta' l-interess, hu dritt privat li jispetta biss lil dawk il-persuni privati in kwantu tali huma protetti."*
*Dan jinkwadra mall-hames eccezzjoni tal-konvenut li l-malafama u l-ingurja huma emozzjonijiet partikolari ghall-bniedem u ma jistghux jafettwaw negattivament xi haga astratta bhalma hija gvern, kunsill lokali jew socjeta'.*

*L-iskop tal-ligi huwa illi tipprotegi l-unur u l-fama ta' l-individwu li ghandu dritt ikun protett minn abbuzi jew minn min ikun irid iwaqqghalu giehu f'ghajnejn in-nies. Haga astratta jew legali m'ghandhiex tali unur jew gieh x'jigi protett.*

*Fil-fatt, il-gurisprudenza lokali u estera dejjem titkellem dwar persuna jew individwu u qatt fuq xi haga astratta. L-awtur Gatley (8th edition 1981, pagna 280 et seguitur) jghallem illi, "The question is whether the libel designates the plaintiff in such a way as to those who know him understand he was the person meant. …if in the opinion of the jury a substantial number of persons who knew the plaintiff on reading the article would believe that it refers to him …" (Sottlinear tal-Qorti)*

*Anki meta qed jaghti d-definizzjoni ta' libel u slander, il-Gatley dejjem jitkellem fuq il-persuna fizika u qatt fuq xi haga astratta, tant hu hekk illi jghid, "Any imputation which may tend to lower the plaintiff in the estimation of right thinking members of society to cut him off from society or to expose him to contempt or ridicule is defamtory of him...*

***... Din il-Qorti kif preseduta tiehu spunt minn dan it-taghlim u tiddikjara illi f'dan il-kaz l-azzjoni ghar-risarciment tad-danni morali kif kontemplata mill-Artikolu 28 tal-Kap. 248 tispetta biss lill-persuna offiza u mhux lil xi socjeta' legali jew ente estratta illi l-persuna jista' jiffurma parti minnha. Jekk il-persuna jew il-persuni li jiffurmaw parti minn socjeta' jew koperattiva ihossu***

***ruhhom ingurjati minn xi kitba jew xandira maghmula minn terzi, huma dawk il-persuni illi ghandhom id-dritt illi jitolbu r-risarciment ta' danni u mhux l-ente astratta illi taghha jistghu jiffurmaw parti. Bhalma diga nghad, l-ente astratta m'ghandhiex fama u m'ghandhiex emozzjoni x'timmanifesta. Dawn huma affarijiet ta' riseva ghall-persuna umana illi ghandha l-emozzjoni li thossha offiza u ngurjata minn xi haga mhux lecita maghmula minn hadiehor."***

45. Din il-Qorti ma' taqbel xejn mal-insenjament tal-Qorti fil-kawża appena rappurtata peress illi hija bbażata fuq premessi fattwalment skorretti. Ibda biex, il-liġi stess ossia' il-Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

***"persuna" tinkludi korp ta' persuni sew jekk ikollhom personalità ġuridika distinta sew jekk le"***

Inoltre kull fejn dik il-Qorti kkwotat każijiet lokali u esteri l-Qorti straħet fuq il-fatt illi ġaladarba l-Qrati f'dawk il-kawżi rreferew għall-emozzjonijiet u unur ta' individwi u persuni naturali allura b'analoġija dan ifisser illi korp ġuridiku ma' jista' qatt jiġi malafamat. Din l-analoġija żbaljata però teskludi l-possibilita, rikonoxxuta kemm mill-Qrati nostrani u barra minn xtutna, illi korp ġuridiku ukoll għandu reputazzjoni illi tista tixxellef u li hija protetta mill-liġi tal-malafama. Filfatt fil-kawżi kollha elenkati fis-sentenza msemmija (għajr għal sentenza oħra mogħtija mill-istess Qorti kif presjeduta dakinhar preċedentement) m'huwiex il-każ illi l-Qrati eskludew illi kumpanija jew entita ġuridika tista' tiġi malafamata iżda sempliċiment il-fattispecie tad-diversi kawżi kienu jittrattaw bnedmin naturali. Li jfisser dan illi dawn il-kawżi ma' jistgħux jinġiebu bħala eżempju għaliex is-silenzju tagħhom fuq din il-materja tagħmilhom assolutament irrilevanti għal din il-kwistjoni.

Anke fir-rigward ta' dak li ġie kkwotat li qal Gatley, il-Qorti fil-kawża msemmija kienet skorretta għaliex għalkemm huwa minnu li fil-bran ċitat dan l-awtur ċelebri Ingliż kien qed jirreferi għall-unur u reputazzjoni ta' bniedem, ċertament m'huwiex l-każ illi l-liġi Ingliża jew xi awtur Ingliż qatt innegaw id-dritt ta' entitajiet ġuridiċi illi jfittxu għal malafama. Filfatt Gatley innifsu ddedika kapitli sħaħ fuq is-suġġett ta' *"corporate claimaints"* fil-ktieb "*Gatley on Libel and Slander",* liema kunċett huwa stabbilit sew u assodat fil-liġi komuni Ingliża.

46. Hekk pereżempju l-awtur Ingliż William Blake Odgers qal hekk fil-ktieb "*A Digest of the Law of Libel and Slander: with the Evidence, Procedure, Practice and Precedents of Pleadings, both in Civil and Criminal Cases*":

*"a corporation may sue for any libel upon it, as distinct from a libel upon its individual members. It may also sue for a slander upon it in the way of its business or trade. If, however, the corporation be not engaged in any business, it would probably be necessary to prove special damage in any case of slander. A corporation could not sue in respect of an imputation of murder, or incest or adultery, because it could not commit those crimes. Nor could it sue in respect of a charge of corruption ; for a corporation cannot be guilty of corruption, although the individuals composing it may be." (Per Pollock, C.B., 4 H. & N. 90.) ...*

*Corporations and companies may maintain actions for slander of their title ; whether the slander be uttered by one of their own members or by a stranger. (Metropolitan Omnibus Co. v. Hawkins, 4 H. & N. 87 ; 28 L. J. Ex. 201; 5 Jur. N. S. 226; 7 W. R. 265; 32 L. T. (Old S. ), 281 ; Trenton Insuranee Co. v. Perrine, 3 Zab. (New Jersey), 402.)"*[18]

47. Fis-sentenza fl-ismijiet: **FAL Malta Limited v. Henry J. Borg** (Avv. Nru. 204/2007 CSH, 07/07/2009) din il-Qorti qalet hekk:

*"Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet Hon Mabel Strickland vs J.J. scorey fis-sbatax (17) t'Ottubru 1949 – Vol. XXX.111.1v.941 inghad illi:-*

*"Bodies of persons having a corporate personality may sue in respect of any injury caused by a difamation to their corporate or collective reputation; and the individuals composing any such body or persons may jointly maintain such an action. Moreover if the defamation causes an injury to the individuals concerned as natural persons apart from and independently of their corporate or collective interest then they are entitled to sue also personally wether in the same or in a separate action".*

*Fis-sentenza Thomas W Hedley pro et noe vs Emanel C Tabone MLA et deciza nhar it-tletin (30) ta' Mejju 1953, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat illi:-*

---

[18] Odgers, W B. *A Digest of the Law of Libel and Slander: with the Evidence, Procedure, Practice and Precedents of Pleadings, both in Civil and Criminal Cases*. 1881, p. 367

*"Korp morali jista jaghmel kawza ta' libel ghal offizi fir-reputazzjoni tieghu, s'intendi li l-korp morali ma jistax ex natura rerum jagixxi ghal certi imputazzjonijiet li jista jagixxi ghalihom individwu".*

*Fis-sentenza Victor Denaro noe vs Avukat Dottor Anton Buttigieg noe deciza nhar it-tletin (30) ta' Mejju 1963 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nstabet htija meta gie ritenut illi:-*

*"…kif inghad 'l fuq l-artikolu 'n kwistjoni huwa libelluz ghaliex jilledi l-unur u l-fama tad-ditta attrici u jesponiha ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku."*

***Illi ghalhekk jinghad li d-dispost tal-Kap 248 u sia l-applikazzjoni u l-interpretazzjoni gurisprudenzjali huma tali, li effettivament jirrikonoxxu l-fatt illi entita morali tista tkun offiza fl-unur, ir-reputazzjoni u l-fama taghha u tigi konsegwentement esposta ghar-redikolu u ghad-disprezz pubbliku. Dan il-fatt imbaghad jaghti dritt t'azzjoni lil tali entita, liema dritt huwa separat u distint minn kull dritt li jista separatament jappartjeni lil membri singoli tal-istess entita."***

48. Ir-reputazzjoni ta' korp ġuridiku għad li hija differenti minn reputazzjoni ta' individwu xorta waħda teżisti u timmerita protezzjoni mill-liġi. Din hija kwistjoni distinta mill-inġurja ta' isem u malafama ta' negozju li l-liġi tipproteġi taħt l-Artikolu 29 tal-Kap. 248 (u illum l-ġurnata taħt l-Artikolu 16 tal-Kap. 579) illi titratta biss dikjarazzjonijiet qarrieqa li x'aktarx jagħmlu ħsara lin-negozju u li jsiru minn persuna li tkun taf li huma foloz jew li bid-diliġenza xierqa setgħat tkun taf.

49. Skond l-professur tal-liġi Amerikan, Robert Charles Post, il-protezzjoni tar-reputazzjoni ta' individwu hija r-*raison d'être* tal-liġi tal-malafama. Post jiddeskrivi tlett elementi tar-reputazzjoni jew aħjar interessi li għandhom jiġu mħarsa fir-reputazzjoni ta' persuna, ċioe il-proprjetà, l-unur u d-dinjità. Fi kliemu, ir-reputazzjoni hija fenomenu soċjali illi tinbena mill-interazzjoni ta' bejn il-bnedmin u l-interessi li għandhom jiġu mħarsa huma tali li jaffettwaw jew jiġu affettwati minn din l-interazzjoni.[19]

50. L-interessi li għandhom jiġu protetti fir-reputazzjoni ta' individwu huma naturalment differenti minn dawk ta' korp ġuridiku. L-iżjed interess ovvju li

[19] Robert C Post, *'The Social Foundations of Defamation Law: Reputation and the Constitution'* (1986)

kumpanija għandha biex tipproteġi r-reputazzjoni tagħha huwa l-interess **finanzjarju** tagħha. Kwalunkwe kumpanija tista' tiggwadanja benefiċċji finanzjarji kbar minn reputazzjoni tajba u huwa loġiku li jekk din ir-reputazzjoni tiġi mtappna l-istess kumpanija tista' ssofri danni konsiderevoli. Fis-sentenza Ingliża, **Metropolitan Saloon Omnibus Co Ltd v Hawkins (Court of Exchequer, 2 Dec 1858)** ingħad illi:

*"it is clear that a corporation at common law may maintain an action for libel by which its property is injured...it would be very odd if a corporation had no means of protecting itself against wrong; and if its property is injured by slander it has no means of redress except by action."*

Id-dritt li kumpanija tipproteġi l-interessi tagħha huwa ukoll rikonoxxut mingħajr il-ħtieġa li jiġu ppruvati d-danni. Hekk pereżempju fis-sentenza **South Hetton Coal Co Ltd v North-Eastern News Association Ltd** (1894, Court of Appeal) intqal hekk mill-Qorti tal-Appell Ingliża:

"*Then, if the case be one of libel – whether on a person, a firm, or a company – the law is that damages are at large. It is not necessary to prove any particular damage; the jury may give such damages as they think fit, having regard to the conduct of the parties respectively, and all the circumstances of the case ... a trading corporation's property or its business may be injured by defamatory statements against its trading character".*

Fis-sentenza iżjed riċenti **Jameel v Wall Street Journal Europe SPRL** (2006, House of Lords) intqal hekk minn Lord Scott:

*"the reputation of a corporate body is capable of being, and will usually be, not simply something in which its directors and shareholders may take pride, but an asset of positive value to it. Why else do trading companies pay very substantial sums of money in advertising their names in TV commercials which usually say next to nothing of value about the services or products on offer from the company in question but endeavour to present an image of the company that is attractive and likely to cement the name of the corporation in the public memory? Why do commercial companies sponsor sporting competitions, so that one has the XLtd Grand National or the YLtd Open Golf Championship or the ZLtd Premiership? It is surely because reputation matters to trading companies and because these sponsorship activities, associating*

*the name of the company with popular sporting events, are believed to enhance the sponsor's reputation to its commercial advantage. The organisers of a variety of activities some sporting, some cultural, some charitable, are constantly on the look-out for sponsorship of the activity in question by some commercial company. The choice of sponsor and the reputation of the sponsor matter to these organisers. Who would*

*these days choose a cigarette manufacturing company to sponsor an athletic event or a concert in aid of charity? If reputation suffers, sponsorship invitations may be reduced, advertising opportunities may become difficult, customers may take their custom elsewhere. If trade suffers, profits suffer."*

51. Fir-rigward tal-interess finanzjarju ta' kumpaniji, Lord Reid kien qal hekk fis-sentenza **Lewis v. Daily Telegraph Ltd (1964, AC)**

*"A company cannot be injured in its feelings, it can only be injured in its pocket. Its reputation can be injured by a libel but that injury must sound in money.'*

52. Il-liġi l-ġdida taħt il-Kap. 579 tirrikonoxxi dan il-kunċett u żżid l-element ta' *"telf finanzjarju serju"* meta fil-*proviso* għall-Artikolu 3(4) tipprovdi kif ġej:

***'3(4) Stqarrijiet mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba:***

***Iżda, għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ħsara lir-reputazzjoni ta' korp li jopera għal profitt mhijiex ħsara serja sakemm ma tkunx ikkawżat jew tkun ser tikkawża telf finanzjarju serju.'***

53. Madanakollu posizzjoni bħal din ma' tapplikax għal dawk il-korpi ġuridiċi illi ma' jkunux ġew mwaqqfa għal skopijiet ta' profitt bħal organizzazzjonijiet filantropiċi, karitattivi jew soċjali. Fil-każ *de quo* l-Aquatic Sports Association m'hijiex entita' mwaqqfa għal skopijiet ta' profitt jew negozju iżda b'daqshekk ma' jfissirx illi m'għandiex x'titlef jekk ir-reputazzjoni tagħha tiġi mtappna. Bħal kumpaniji mwaqqfa għan-negozju, organizzazzjoni volontarja tista' ssofri danni kbar jekk tkun tiddependi fuq is-sapport finanzjarju tal-pubbliku u d-daqqa għar-reputazzjoni tagħha ċċaħħadha minn din l-għajnuna. Però 'l hinn minn riperkussjonijiet finanzjarji, organizzazzjoni volontarja tista' ukoll ssofri fil-missjoni tagħha li tilħaq l-għanijiet filantropiċi, karitattivi jew soċjali tagħha jekk f'għajnejn il-pubbliku hija

ma' tkunx baqgħet denja li twassal il-messaġġ tagħha jew altrimenti tkun tilfet mir-reputazzjoni jew fama tagħha.

54. Għalhekk m'huwiex il-każ illi l-Assoċjazzjoni rikorrenti ma' għandhiex *locus standi* f'din il-kawża u din it-tieni eċċezzjoni ukoll qed tiġi miċħuda.

**Kunsiderazzjonijiet dwar id-difiża tal-*fair comment***

55. It-tielet eċċezzjoni tal-intimat hija dik illi: *"ma hemm xejn inġurjuż jew malafamanti f'dak li inkiteb ... stante illi dan jammonta għal 'fair comment' dwar fatti ta' interess pubbliku u kritika Ii hija aċċettata f'soċjetà demokratika."*

56. Fis-sentenza **<u>London Artists Ltd. v. Emile Littler</u>** (England and Wales Court of Appeal – Civil Division – 10.12.1968) il-mibki Lord Denning qal hekk:

"*The second point is whether the allegation of a "plot" was a fact which the defendant had to prove to be true, or was it only comment? In order to be fair, the commentator must get his basic facts right. The basic facts are those which go to the pith and substance of the matter: see Cunningham-Howie v. Dimbleby [1951] 1 K.B. 360, 364. They are the facts on which the comments are based or from which the inferences are drawn - as distinct from the comments or inferences themselves. The commentator need not set out in his original article all the basic facts: see Kemsley v. Foot [1952] A.C. 345; but he must get them right and be ready to prove them to be true. He must indeed afterwards in legal proceedings, when asked, give particulars of the basic facts: see Burton, v. Board [1929] 1 K.B. 301; but he need not give particulars of the comments or the inferences to be drawn from those facts. If in his original article he sets out basic facts which are themselves defamatory of the plaintiff, then he must prove them to be true: and this is the case just as much after section 6 of the Defamation Act, 1952, as it was before. It was so held by the New Zealand Court of Appeal in Truth (N.Z.) Ltd. v. Avery [1959] N.Z.L.R. 274, which was accepted by this court in Broadway Approvals Ltd. v. odhams Press Ltd. [1965] 1 W.L.R. 805. It is indeed the whole difference between a plea of fair comment and a plea of justification. In fair comment he need only prove the basic facts to be"*

57. Dwar din id-difiża Gatley jgħid kif ġej:

*"To succeed in a defence (of fair comment) the defendant must show that the words are comment, and not a statement of fact. However, an inference of fact from other facts referred to may amount to a comment. He must also show that there is a basis of fact*

*for the comment, contained or referred to in the matter complained of, at least to the extent of indicating that what is being stated is comment Finally, he must show that the comment is on a matter of public interest, one which has expressly or implicitly put before the public for judgment or is otherwise a matter with which the public has a legitimate concern. If the Claimant can show that the comment was actuated by malice (which for this purpose means that the defendant was not expressing his genuine opinion) he will defeat the plea. It is not enough, however, to show that the comment was prejudiced or exaggerated or "unfair'' in the ordinary sense of that word."* [20]

58. Fis-suċċint, l-elementi tad-difiża tal-*fair comment* skond Gatley kif sussegwentement elaborati mill-Qrati tagħna[21] huma s-segwenti:

    1. Il-kumment irid ikun ġie msejjes fuq fatti li jkunu ssemmew fil-pubblikazzjoni li minnha jitressaq l-ilment;
    2. Il-fatti imsemmija jridu ikunu sostanzjalment veri;
    3. Jekk il-kumment ikun dwar imputazzjoni ta' motivi korrotti jew dizonesti irid jintwera li dan il-kumment kien ġustifikabbli jew mistħoqq;
    4. Il-kumment irid ikun tali li jikkwalifika bħala kritika u mhux żebliħ, tgħajjir jew insolenza; u
    5. Il-kumment irid jagħti l-fehma onesta tal-kummentatur u l-pubblikazzjoni ta' dik il-fehma ma tkunx saret b'ħażen jew bil-ħsieb preċiż li jweġġa' lil dak li jkun.
    6. Il-kummenti jridu jkunu msejsa fuq materja ta' interess pubbliku, suġġett illi jkun ġie espost lill-pubbliku għall-ġudizzju tiegħu jew inkella kwistjoni illi tkun ta' *"legitimate concern"* għall-pubbliku.

59. Il-Qorti tqis illi l-kuntest li fih ġew ippubblikati l-kummenti tal-intimat huwa "*a matter of public interest*" stante illi kienu jikkonċernaw logħba tal-*waterpolo* f'kompetizzjoni internazzjonali li fiha kien qed jipparteċipa t-tim nazzjonali Malti. Madanakollu dan waħdu mhux biżżejjed biex jiġġustifika d-difiża tal-fair comment jekk joħroġ li l-allegazzjonijiet li għamel l-intimat, *"that which goes to the pith and substance of the matter"*, kienu skorretti.

[20] Gatley on Libel and Slander Sweet and Maxwell (London) 11th ed., pagna 336
[21] Ara perezempju **Dr Louis Galea vs Etienne St John u Felix Agius** (Rif Nru 946/1997 JRM deciza fit 30 ta' April 2015)

60. Il-punt prinċipali li jgħaqqad il-kummenti tista' tgħid kollha tal-intimat huwa dak illi fil-fehma tiegħu l-assoċjazzjoni m'għamlet xejn sabiex tiddefendi lit-tim nazzjonali Malti mid-deċiżjoni "inġusta" li imponiet il-FINA u li din kellha teżerċita r-rimedji kollha disponibbli għaliha sabiex tisfida l-istess deċiżjoni, inkluż billi tisħaq fuq id-dritt għal smiegħ ġust. Fil-fehma tiegħu l-kunsill kollu tal-assoċjazzjoni kellu jirriżenja stante l-inkompetenza tal-membri inkluż tar-rikorrent li ssemma b'ismu għal numru ta' drabi.

61. Mill-kummenti kollha lamentati mir-rikorrenti l-Qorti tara illi l-biċċa kbira minnhom għad li jikkonsistu fi kritika ħarxa u xi kultant anke vulgari tal-operat tal-assoċjazzjoni rikorrenti u/jew tar-rikorrent, madanakollu ma' jistgħu bl-ebda mod jikkwalifikaw bħala malafamanti anke jekk jirriżulta illi huma bbażati fuq fatti skorretti.

62. Kif intqal mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: '**<u>Lawrence Pullicino v. Victor Camilleri et</u>**.' (App. Civ. Nru. 992/1997/1 – 28.03.2014):

*"... din il-Qorti tara li għandha tibda biex tafferma li mhux kull allegazzjoni ta' fatt, li jirrizulta li mhux veru, għandu jitqies li hu malafamanti. Il-malafama timmanifesta ruħha meta ssir ħsara għar-reputazzjoni ta' dak li jkun; jista' jkun li dak li jkun ippubblikat ma jkunx "fair", iżda dan ma jfissirx neċessarjament li dik il-pubblikazzjoni tkun inġurjuża għad-dinjita` ta' dik il-persuna ... L-enfasi hija fuq il-ħtieġa li l-allegazzjonijiet ikunu malafamanti, b'mod li jattakkaw ir-reputazzjoni tal-persuna milquta u l-fama tieghu"*

63. Issa lill-Qorti jirriżultalha illi tabilħaqq skond kif intqal mir-rikorrenti fix-xhieda tagħhom, il-FINA Ed. 2017 Rules mhux biss kienu jistipulaw illi f'każ ta' tkeċċija mill-pixxina ta' iżjed minn tlett membri tal-istess tim dak it-tim jiġi awtomatikament skwalifikat u jitlef il-logħba 5-0 (Artikolu 6.1), iżda inoltre ma' kienux jagħtu d-dritt lil xi assoċjazzjoni nazzjonali li tappella minn xi deċiżjoni ta' skwalifika u jekk xejn kienu l-individwi konċernati li setgħu jappellaw separatament kontra t-tkeċċija tagħhom.

64. Lill-Qorti jirriżultalha ukoll però mill-FINA Handbook li ġie esebit *animo ritirandi* mir-rikorrenti illi kien hemm *General Rules* illi kienu jagħtu l-opportunita' lill-assoċjazzjoni li tal-inqas titlob rimedju mid-deċiżjoni tar-*referee* illi jwaqqaf il-

logħba u/jew jkeċċi xi players Maltin u possibbilment anke mid-deċiżjoni tal-FINA li tiskwalifika lit-tim Malti mill-kompetizzjoni u dan billi jsir protest u jekk hemm bżonn appell lil "Jury of Appeal":

*"GR 9.2 Protests*

*GR 9.2.1 Protests are possible*

*(a) if the rules and regulations for the conduct of the competition are not observed,*
*(b) if other conditions endanger the competitions and/or competitors, or*
*(c) against decisions of the referee; however, no protest shall be allowed against decisions of fact.*

*GR 9.2.2 Protest must be submitted*
*(a) to the referee,*
*(b) in writing on FINA Forms,*
*(c) by the responsible team leader,*
*(d) together with a deposit of 500 Swiss Francs or its equivalent, and*
*(e) within 30 minutes following the conclusion of the respective event or match.*

*If conditions causing a potential protest are noted prior to the event a protest must be lodged before the signal to start is given.*

*GR 9.2.3 All protests shall be considered by the referee. If he rejects the protest, he must state the reasons for his decision. The team leader may appeal the rejection to the Jury of Appeal whose decision shall be final ..."*

65. Ir-rikorrenti saħqu f'partijiet differenti fix-xhieda tagħhom illi:

a. Dritt ta' appell ma' kienx hemm,
b. Dritt ta' appell kien hemm imma ma' kienx vijabbli li wieħed jmur għalih stante illi ma' kienx hemm ċans li jintlaqa' l-appell,
c. Ma' kienx jagħmel sens li wieħed jappella stante illi kien hemm il-biża illi jekk isir dan l-FINA taddotta linja ħarxa kontra l-kowċ nazzjonali Malti li kien tkeċċa waqt il-logħba, li possibbilment seta' jingħata sospensjoni twila b'impatt konsiderevoli fuq il-logħob futur tat-tim Malti f'kompetizzjonijiet oħra importanti

d. L-appell ma' kellux jsir għaliex it-tim Malti żbalja u kellu juri li qed jerfa' r-responsabilta għall-azzjonijiet tiegħu u b'hekk jagħti eżempju,
e. Rikors għall-CAS (Qorti tal-Arbitraġġ tal-Isport) ma' kienx vijabbli stante illi kien jinvolvi spejjeż kbar.

66. Il-Qorti tara illi l-assoċjazzjoni rikorrenti setgħet kienet ferm iżjed proattiva u trasparenti billi immedjatament (u mhux l-għada) tinforma lill-pubbliku sportiv Malti dwar it-toroq miftuħa fir-rigward tar-rimedji li setgħu jittieħdu mit-tim Malti. L-istqarrija li ħarġet fit-23 ta' Ottubru 2017 kienet xotta ferm f'dan ir-rigward u ma' kienetx tagħti l-ebda ħjiel dwar għalfejn l-Assoċjazzjoni kienet għażlet illi ma' tikkuntestax l-iskwalifika tat-tim Malti. In-nuqqas tagħha li tagħmel dan flimkien man-nuqqas li tispjega b'mod ċar il-posizzjoni tagħha esponiha għal kritika li ma' tistax titqies li kienet inġusta meta wieħed jikkunsidra illi t-tim nazzjonali kien ftit sekondi biss milli jagħmel rebħa prestiġġjuża f'kompetizzjoni internazzjonali.

67. Il-fatt illi l-Assoċjazzjoni topera fuq bażi volontarja u l-fatt illi r-rikorrent jaħdem ukoll mingħajr remunerazzjoni, ma' tagħmilhomx immuni għal kritika, anke inġusta, dwar l-operat tagħhom.

68. Għall-Qorti, l-biċċa kbira tal-kummenti tal-intimat jikkonsistu fi kritika ġusta (anke jekk f'xi waqt, vulgari) tal-operat tal-assoċjazzjoni rikorrenti u/jew tar-rikorrent u m'humiex malafamanti.

69. Fir-rigward tal-kumment a fol 12 bil-kliem *"Was the Match SOLD by the ASA of Malta?"* il-Qorti tqis kemm mill-kuntest tal-bqija tal-kummenti li saru mill-intimat dakinhar u kemm minn dak li effettivament seħħ waqt u wara l-logħba illi l-intimat ma' kienx qiegħed jallega fattwalment illi l-assoċjazzjoni nxtrat sabiex titlef il-logħba. Jekk wieħed jifli dak il-kumment/mistoqsija jara illi dan ġie segwit immedjatament minn numru ta' mistoqsijiet oħra mill-intimat li lkoll kemm huma ma' jistgħux jitqiesu rappreżentazzjoni ta' fatti iżda semmai, stedina għal spjegazzjoni. Dan jfisser li l-istess kummenti ma' jagħmlux fatt dak li qed jistaqsu dwaru. Huwa vera illi jistgħu jsiru mistoqsijiet li minnhom nfushom ikunu "loaded" jew "indikattivi" tat-tweġibiet nfushom. Però sakemm il-mistoqsijiet ma' jkunux jinkludu fihom nfushom asserzjonijiet ta' fatt dawn m'għandhomx jitqiesu bħala malafamanti anke jekk ikunu imbarazzanti jew xejn pjaċevoli lil min jikkonċernaw.

70. Il-Qorti tqis illi kemm l-Assoċjazzjoni rikorrenti u kif ukoll ir-rikorrent nnifsu kellhom rimedju suffiċjenti f'każ illi ħassew li l-imġieba jew l-intenzjonijiet tagħhom ġew mpoġġijha fid-dubbju u dan huwa d-dritt tar-risposta pprovdut mill-Artiklu 21 tal-Kap. 248. Tali dritt seta' jiġi eżerċitat fil-forma ta' dikjarazzjoni mir-rikorrenti bħala kontradizzjoni jew spjegazzjoni, maħruġa mill-intimat innifsu fuq is-sit tiegħu ta' *Facebook.* Mill-provi ħareġ illi r-rikorrenti ma' eżerċitawx dan id-dritt u minflok għażlu li jiftħu dawn il-proċeduri f'temp ta' ftit ġimgħat.

71. Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti tara għalhekk illi din l-eċċezzjoni għandha tiġi akkolta.

**Deċiżjoni**

72. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-intimat u tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti billi l-kummenti lamentati *in parte* ma' jistgħux jitqiesu malafamanti u jammontaw għal *fair comment.* Fir-rigward ta' spejjeż kull parti għandha tbati tagħha.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur